**17 ta' Diċembru, 1965.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., Pres.**
**Onor. Prof. J. J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt, (Rome) B.A. Hons. (Lond) (Ph.D.(Lond) ) F.R. Hist.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Giuseppe Darmanin

*versus*

Antonio Sciberras

**Appell lill-Kunsill privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina —**

*X'valur huwa involut f'kawża quddiem il-Bord tal-Kera għar-ripresa tal-fond?*

**Il-Qorti,**

Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Giuseppe Darmanin li biha talab il-permess biex jappella mis-sentenza tagħha ta' l-erbatax ta' Mejju, 1965 lil Maesta Tagħha fil-Kunsill.

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Antonio Sciberras fejn qal illi l-appell lill-Maesta Tagħha fil-Kunsill mhux ammissibbli fil-każ preżenti u għalhekk it-talba ta' Giuseppe Darmanin għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet, rat il-proċess u kkunsidrat:—

It-talba ta' l-imsemmi Darmanin hi bbażata unikament fuq l-allegat motiv illi "l-valur implikat f'dan l-appell huwa superjuri għal ħames mitt lira." Iġifieri hu jippretendi li jista' jappella bi dritt taħt id-disposizzjoni tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 103 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-paragrafu (a) ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordni fil-Kunsill tat-tnejn u għoxrin ta' Novembru, 1909 kif emendat. Dawn id-disposizzjonijiet jipprovdu illi hemm dritt ta' appell lill-Maesta Tagħha fil-Kunsill minn deċizzjonijiet finali ta' din il-Qorti "where the matter in dispute on the appeal to Her Majesty in Council is of the value of five hundred pounds or upwards or where the appeal involves directly or indirectly a claim to or question respecting property or a right of hundred pounds or upwards."

La fil-petizzjoni ta' l-imsemmi Darmanin u lanqas waqt it-trattazzjoni orali ta' din il-petizzjoni quddiem din il-Qorti ma ġie bl-ebda mod suġġerit illi s-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-erbatax ta' Mejju, 1965 hi appellabbli lill-Maesta Tagħha fil-Kunsill għal xi raġuni oħra, bi dritt jew fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, ngħidu aħna għaliex il-kwistjoni fl-appell hi ta' xi mportanza ġenerali jew pubblika. U difatti s-sentenza ta' din il-Qorti kienet ibbażata biss

fuq apprezzament taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-kriterji li fuqhom imxiet din il-Qorti u l-Bord fi prima istanza ma kienux ħlief dawk li ilhom għal snin u f'diversi każijiet jiġu segwiti minn din l-Qorti.

Imma kif ġa ntqal anqas il-petizzjonant innifsu ma ppretenda b'ebda mod xort'oħra u l-pretensjoni unika tiegħu hija illi l-appell imiss lilu bi dritt minħabba l-valur.

Fil-fehma tal-Qorti dik il-pretensjoni hi nfondata. F'din il-kawza ma kienetx fil-kwistjoni l-proprjeta jew l-appartenenza tal-fond u anqas ebda dritt reali dwaru. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda biss talba għal permess biex l-imsemmi Darmanin ma jġeddidx lill-imsemmi Sciberras il-kiri tal-fond, u bażi ta' din it-talba, kif formulata fir-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, anqas kienet — u ma setgħatx tkun — ix-xewqa jew il-bżonn ta' Darmanin li jisfrutta jew jispekola għal profitt il-proprjeta tal-fond in kwistjoni billi minn fond wieħed jibni tnejn, iżda kienet u setgħat tkun biss, skond il-liġi għal dak li hu rilevanti għall-każ preżenti, illi hu kellu bżonn jirriprendi l-pussess tal-fond għall-abitazzjoni ta' bintu. L-unika kwistjoni vera kienet għalhekk jekk Darmanin kellux tassew bżonn raġonevoli biex jieħu pussess tal-fond għal dik ir-raġuni. Il-bżonn ta' akkomodazzjoni separata għat-tifel li dak iż-żmien u sa kemm inqata l-appell minn din il-Qorti anqas biss kien għadu għarus; ma kienx jidħol fil-konsiderazzjoni u anqas kienet tidħol f'kunsiderazzjoni ebda kwistjoni ta' telf jew profitt pekunjarju li sata jsir bil-kostruzzjoni ta' żewġ fondi flok il-fond wieħed in kwistjoni.

Kieku għal kwistjoni tal-valur kellhom jiġu adottati l-kriterji li tippreskrivi l-liġi tagħna, ċioe l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), għar-rigward tal-

kompetenza (art. 756-758), il-valur involut fil-kawża preżenti għandu jitqies dak tal-kera ta' sena (ċioe £30). Iżda anki apparti dawn il-kriterji hu manifest, fil-fehma tal-Qorti, illi f'din il-kważа ma' jistax assolutament jingħad illi kienet involuta xi kwistjoni li mqar indirettament tirrigwarda proprjeta jew dritt ta' ħames mitt lira (£500) jew iżjed. Il-kwistjoni ma kienetx u, kif intqal, ma setgħatx tkun jekk Darmanin kellux dritt "jimmiljora d-dar in kwistjoni u jagħmilha żewġt idjar separati" — kif jingħad fil-petizzjoni tiegħu. Din mhix waħda mir-raġunijiet rikonoxxuti mil-liġi li għaliha sid-il-kera jista' jitlob ir-ripresa ta' pussess ta' fond mikri. Il-kwistjoni kienet biss jekk bint Darmanin kellix tassew bżonn tokkupa l-fond hi, u peress illi l-Bord u din il-Qorti wkoll — fuq apprezzament taċ-ċirkostanzi tal-kas — waslu għall-konkluzzjoni illi hi kellha available għaliha u setgħat tokkupa kommodament post li hu nofsu tagħha u dan bla tbatija jew inkonvenient ta' ħadd, it-talba ta' Darmanin ġiet miċħuda.

Jekk, talvolta, il-bżonn tat-tifla għal dar u l-bżonn ta' għajnuna lill-mara ma kienux, kif issa jidher mill-pretensjoni ta' l-istess Darmanin, il-vera raġuni tat-talba tiegħu involuta f'din il-kawza, imma l-vera raġuni kienet illi l-petizzjonant jagħmel profitt mill-isvilupp tal-fond, din ċertament ma tistax tkun raġuni biex il-kwistjoni vera tal-kawża tiġi trasformata sempliċement għall-finijiet tat-talba preżenti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra l-petizzjonant.